31999D0091

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
tal-25 ta' Jannar 1999,
dwar il-proċedura ta' attestazzjoni ta' konformità ta' prodotti għall-bini) skond l-Artikolu 20(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE dwar prodotti għall-insulazzjoni termali

(notifikata bid-dokument numru K (1999) 115)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(1999/91/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat il-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolament u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prodotti għall-bini [1], kif emendata bid-Direttiva 93/68/KEE [2], u partikolarment Artikolu 13(4) tagħha,

Billi l-Kummissjoni jeħtiġilha, skond iż-żewġ proċeduri msemmija f'Artikolu 13(3) tad-Direttiva 89/106/KEE dwar attestazzjoni ta' konformità ta' prodott, illi tagħżel "il-proċedura l-inqas oneruża possibli li tkun taqbel mas-sigurtà"; billi dan ifisser li jeħtieġ li jkun deċiż jekk, għal ċertu prodott jew klassi ta' prodotti, l-eżistenza ta' sistema ta' kontroll ta' produzzjoni fil-fabbrika taħt ir-responsabbiltà tal-manifattur hijiex kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti għal attestazzjoni ta' konformità, jew jekk, għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu biex jitħarsu l-kriterji msemmija f'Artikolu 13(4), hemmx ħtieġa ta' l-intervent għal dak l-għan ta' korp approvat ta' ċertifikazzjoni;

Billi Artikolu 13(4) jitlob li l-proċedura hekk stabbilita għandha tintwera fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi; billi, għalhekk, ikun aħjar li jkun hemm definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti jew klassi ta' prodotti kif użati fil-mandati u fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi;

Billi ż-żewġ proċeduri msemmija f'Artikolu 13(3) huma murija fid-dettal f'Anness III tad-Direttiva 89/106/KEE; billi għalhekk jeħtieġ li jkunu speċifikati b'mod ċar il-metodi li bihom iż-żewġ proċeduri għandhom ikunu implimentati, b'referenza għal Anness III, għal kull prodott jew klassi ta' prodotti, peress li Anness III jagħti preferenza lil ċerti sistemi;

Billi l-proċedura li għaliha saret referenza fil-punt (a) ta' Artikolu 13(3) taqbel mas-sistemi msemmija fl-ewwel possibbiltà, mingħajr sorveljanza kontinwa, u fit-tieni u fit-tielet possibbiltà tal-punt (ii) tat-Taqsima 2 ta' Anness III, u l-proċedura msemmija fil-punt (b) ta' Artikolu 13(3) taqbel mas-sistema msemmija fil-punt (i) tat-taqsima 2 ta' Anness III u fl-ewwel possibbiltà, b'sorveljanza kontinwa, tal-punt (ii) tat-taqsima 2 ta' Anness III;

Billi l-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Bini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-attestazzjoni ta' konformità tal-prodotti u tal-klassijiet ta' prodotti msemmija f'Anness I għandha tkun skond proċedura li biha l-manifattur ikollu taħt ir-responsabbiltà tiegħu biss is-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika li tisgura li l-prodott ikun konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi rilevanti.

Artikolu 2

Il-prodotti msemmija f'Anness II għandu jkollhom l-attestazzjoni tagħhom ta' konformità permezz ta' proċedura li biha, flimkien mas-sistema ta' kontroll tal-produzzjoni fil-fabbrika mħaddma mill-manifattur, korp approvat ta' ċertifikazzjoni jkollu x'jaqsam fl-istima u fis-sorveljanza tal-kontroll tal-produzzjoni jew tal-prodott innifsu.

[1] ĠU L 40, tal-11.2.1989, p. 12.
[2] ĠU L 220, tat-30.8.1993, p. 1.

Artikolu 3

Il-proċedura għall-attestazzjoni ta' konformità kif mogħtija f'Anness III għandha tintwera fil-mandati għal *standards* armonizzati.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, il-15 ta' Jannar, 1999.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Prodotti għall-insulazzjoni termali (prodotti magħmula fil-fabbrika u prodotti maħsuba biex jintramaw fuq il-post:

Għal kull użu, esklużi dawk soġġetti għal għal regolamenti għar-reazzjoni għan-nar dwar prodotti magħmula minn materjali msemmija fil-klassijiet A [1], B [1], Ċ [1].

---

[1] Materjali li għalihom ir-reazzjoni għan-nar tista' tinbidel matul il-produzzjoni (ġeneralment, dawk soġġetti għal bidla kimika, eż *fire retardants*, jew fejn bdil ta' kompożizzjoni jista' jwassal għal bdil fir-reazzjoni għan-nar).

ANNESS II

Prodotti għall-insulazzjoni termali (prodotti magħmula fil-fabbrika u prodotti maħsuba biex jintramaw fuq il-post:

Għal użu soġġett għal regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar ta' prodotti magħmula minn materjali msemmija fil-klassijiet A [1], B [1], Ċ [1].

---

[1] Materjali li għalihom ir-reazzjoni għan-nar tista' tinbidel matul il-produzzjoni (ġeneralment, dawk soġġetti għal bidla kimika, eż *fire retardants*, jew fejn bdil ta' kompożizzjoni jista' jwassal għal bdil fir-reazzjoni għan-nar).

ANNESS III

Nota: għall-prodotti li jkunu jistgħu jintużaw għal aktar minn dak maħsub għalihom fil-klassijiet li ġejjin, ix-xogħol tal-korp approvat, derivanti mis-sistemi rilevanti ta' attestazzjoni ta' konformità, huwa kumulattiv.

KLASSI TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' INSULAZZJONI TERMALI (1/2)

1. **Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodotti u l-użu maħsub għalihom kif jidher fil-lista ta' hawn taħt, *CEN*/*Cenelec* huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità fl-istandard/s stabbilit/i armonizzat/i rilevanti:

Prodott/i	Użu maħsub għalih/om	Livell/i jew klassi/jiet	Sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità
Prodotti għall-insulazzjoni termali (prodotti magħmula fil-fabbrika u prodotti maħsuba biex jintramaw fuq il-post	liema jkun	—	3

Is-Sistema 3: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), It-tieni possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' tiġi implimentata wkoll fejn il-prestazzjoni tal-prodott ma jkunx jeħtieġlu jiġi eżaminat għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma jkunx jeħtieġlu legalment bl-ebda mod li jkollu din il-karatteristika (ara Artikolu 2. 1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta tkun tapplika, il-punt 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni. F'dawk il-każijiet il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandhiex tiġi mposta fuq il-manifattur jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.

KLASSI TA' PRODOTTI

PRODOTTI TA' INSULAZZJONI TERMALI (2/2)

1. **Sistemi ta' attestazzjoni ta' konformità**

Għall-prodotti u l-użu maħsub għalihom kif imsemmi fil-lista ta' hawn taħt, *CEN*/*Cenelec* huma mitluba li jispeċifikaw is-sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità fl-istandard/s stabbilit/i armonizzat/i rilevanti:

Prodott/i	Użu maħsub għalih/om	Livell/i jew klassi/jiet (reazzjoni għan-nar)	Sistema/i ta' attestazzjoni ta' konformità
Prodotti għall-insulazzjoni termali (prodotti magħmula fil-fabbrika u prodotti maħsuba biex jintramaw fuq il-post)	għall-użu soġġett għal regolamenti dwar ir-reazzjoni għan-nar	A (1), B (1), C (1)	1
		A (2), B (2), C (2)	3
		A (3), D, E, F	4

(1) Materjali li għalihom ir-reazzjoni għan-nar tista' tinbidel matul il-produzzjoni (ġeneralment, dawk soġġetti għal bidla kimika, e.g. *fire retardants*, jew fejn bdil ta' kompożizzjoni jista' jwassal għal bdil fir-reazzjoni għan-nar),

(2) Materjali li għalihom ir-reazzjoni għan-nar ma tinbidilx matul il-proċess tal-produzzjoni.

(3) Materjali tal-klassi A li skond id-Deċiżjoni 96/603/KE ma jenħtiġux li jkunu eżaminati għal reazzjoni għan-nar.

Sistema 1: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(i), minghajr eżami ta' verifika ta' kampjuni.
Sistema 3: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(ii), It-tieni possibbiltà.
Sistema 4: Ara d-Direttiva 89/106/KEE, Anness III (2)(II), It-tielet possibbiltà.

L-ispeċifikazzjoni għas-sistema għandha tkun b'mod li tista' tiġi implimentata wkoll fejn il-prestazzjoni tal-prodott ma jkunx jeħtieġlu jiġi eżaminat għal xi karatteristika, minħabba li mill-inqas Stat Membru wieħed ma jkunx jeħtieġlu legalment bl-ebda mod li jkollu din il-karatteristika (ara Artikolu 2. 1 tad-Direttiva 89/106/KEE u, meta tkun tapplika, il-punt 1.2.3 tad-Dokumenti ta' Interpretazzjoni. F'dawk il-każijiet il-verifika ta' din il-karatteristika m'għandhiex tiġi mposta fuq il-manifattur jekk dan ma jkunx jixtieq jiddikjara l-prestazzjoni tal-prodott f'dak ir-rigward.